# Nies tal-Imgħoddi

Il-ħajja tan-nies tinbidel kontinwament. Għalhekk interessanti li wieħed iqabbel kif kienu jgħixu n-nies fi żminijiet differenti.

Jekk inħarsu lejn ix-xogħol naraw li l-biċċa l-kbira tan-nies kienu jgħixu mill-*biedja*, jew mill-attivitajiet li kienet tiġġenera (u mhux bħal-lum), mill-manifattura. Ċertu snajja' llum qajla tisma' bihom, bħal ngħidu aħna min jagħmel il-qlugħ jew il-ħadid għar-roti tal-karettuni. Oħrajn naqsu, pereżempju, il-*ħaddieda* kienu ħafna aktar numerużi għax ma kienx hemm tant materjali differenti. Mhux biss xi snajja' għebu, iżda dawk li baqgħu tant inbidlu li kważi tista' ssejħilhom snajja' ġodda. Il-bidwi u l-ħaddied illum jużaw makkinarju flok dirgħajhom u l-bhejjem. Il-prodotti tal-biedja u snajja' oħra nbidlu wkoll.

Insibu differenzi kbar fil-kura tal-mard. Ħafna mill-mediċini li kien jagħti t-*tabib* kienu taħlit ta' ħwawar li fil-fatt ma kien jiswa għal xejn. Terġa' mhux kulħadd kien jista' jħallas lit-tabib. Għalhekk in-nies kienu jużaw mediċini 'tradizzjonali', li kienu tgħallmu minn nies oħra, jew kienu jirrikorru għas-*saħħara*, kemm Maltin u kemm *ilsiera* Musulmani. Is-saħħara kellhom *business* tajjeb, sakemm ma jinqabdux. Il-morda kienu jfittxu tobba fost l-ilsiera wkoll għax dawn kienu orħos mit-tabib Malti. Ilsir seta' jakkwista liċenzja biex jaħdem ta' tabib jekk iġib provi li kien meqjus hekk f'pajjiżu. Għalhekk ċertu Dionisio Vascas, ilsir ikkonvertit li kien joqgħod il-Gudja, kien jaħdem ta' tabib u mid-dehra kellu klijentela ġmiela anke fi rħula oħra.[1]

Niġu għall-*qwiebel*. F'soċjetà fejn it-trabi kienu numerużi, u kienu jitwieldu d-dar, is-servizz tal-*midwife* kien essenzjali. Għalina tidher stramba li kellha bżonn il-liċenzja tal-Kurja biex taħdem, iżda l-Knisja riedet tassigura li l-qwiebel ikunu kapaċi jagħtu l-Magħmudija f'każ ta' bżonn; jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lir-reġistri tat-twelid jara li l-imwiet tat-trabi kienu komuni wisq. L-Isqof Davide Coccopalmieri, fil-viżta pastorali tal-1686, eżamina lil Maria Buttigeg biex jara kinitx idonea (għall-dan ix-xogħol) u jekk kinitx kapaċi tamministra l-Magħmudija. Fil-fatt l-Isqof ma kienx sodisfatt u taha xahar żmien biex il-Kappillan jgħallimha aħjar.[2]

It-tagħlim kien differenti ħafna mil-lum. Il-parti l-kbira kienu bdiewa jew nies tas-sengħa. Dawn kienu jitgħallmu bil-prattika, bosta drabi ma'



missierhom. Kienet id-drawwa li impjegat idaħħal lil ibnu biex jgħinu. Maż-żmien kien jirranġa li ibnu jibda jitħallas billi jieħu parti mill-paga tiegħu u hekk, meta l-missier kien jirtira, it-tifel kien jieħu postu.

Il-kitba u l-qari kienu rari u ftit kien hawn *skejjel* f'Malta. Fl-1735 insibu li Don Giovanni Grech, qassis mill-Gudja, talab liċenzja mill-Isqof biex jiftaħ skola f'dan ir-raħal[4]. Kienu jsiru bosta talbiet simili u l-Isqof kien jikkunsidra jekk l-applikant kienx tajjeb għal dan ix-xogħol. Il-biċċa l-kbira tal-applikanti kienu qassisin, iżda anke l-lajċi kienu jeħtieġu din il-liċenzja. Ġeneralment kienu jagħtu xi raġuni. L-aktar komuni kienu: biex ma joqogħdux fil-għażż, għax kien hemm bżonn ta' skejjel fil-belt jew raħal tagħhom u biex ikunu utli għall-pubbliku. Wieħed lajk kiteb li xtaq jagħmel xogħol jixraq lit-talenti tiegħu.

Don Giovanni Grech irċieva l-liċenzja li jgħallem il-grammatika u 'lettere umane' oħra f'Marzu 1735. Ma nafux x'kienu l-'lettere umane' oħra. Suġġetti, oħra mgħallma minn diversi għalliema kienu: il-kitba, il-grammatika, il-qari, id-duttrina Nisranija, il-katekiżmu, il-filosofija, it-teoloġija, il-kant Gregorjan u r-retorika. Xi ftit kienu jispeċifikaw xi kwalità ta' studenti kellhom, ngħidu aħna tfal jew kbar. Wara li ġie approvat Dun Ġwann, bħal kull għalliem ieħor, għamel il-professjoni tal-fidi.

Kien hemm nisa terzjarji tal-Ordnijiet Reliġjużi, bħall-Franġiskani, Dumnikani u Karmelitani, li kienu jilbsu l-abitu ta' sorijiet għalkemm kienu joqogħdu fid-dar tagħhom. Kienu jissejħu *bizocche* (singular: bizocca); in-nies kienu jsibuhom bħala 'soru tad-dar'. Dawn kienu nisa (ma kienx hemm irġiel li jikkorrispondu għalihom) mhux

miżżewġin, mogħtija għat-talb u jgħinu fil-knisja. Biex mara tgħix hekk kellha bżonn liċenzja mill-isqof ukoll. Fl-istess viżta pastorali l-Isqof sejjaħ żewġ 'bizocche': Suor Rosa Maria Zammit u Suor Maria Vella, it-tnejn tal-Ordni ta' San Duminku. Dawn in-nisa ma kellhomx il-liċenzja tal-Kurja imma kellhom il-permess ta' Dun Ġwann Gatt li qabel kien kappillan tal-Gudja.[5]

Illum bil-kelma *kleriku* nifhmu saċerdot jew xi ħadd li qiegħed jipprepara għas-saċerdozju. Dari il-kelma *kleriċi* kienet tfisser irġiel li kellhom wieħed jew aktar mill-Ordni Sagri, anke jekk ma kellhomx ħsieb li jkomplu sas-Saċerdozju. L-ewwel nett il-kleriku kien jirċievi t-tonsura, li kienet is-sinjal li hu parti mill-kleru u m'għadux wieħed mil-lajċi. Il-kleriċi kienu jilbsu bħall-qassisin u jgħinu fix-xogħol tal-parroċċa. Xi wħud minnhom kienu miżżewġin. Fl-1680 insibu żewġ kleriċi fil-Gudja, wieħed minnhom miżżewweġ.

Barra minn hekk, il-kleriċi kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Isqof, mhux tal-Gran Mastru. L-awtoritajiet ċivili ma setgħux jarrestawhom, jew jitfgħuhom il-ħabs bħal nies oħra. Xi drabi kienu eżentati mis-servizz tal-għassa max-xtut. Mhux ta' b'xejn kien jinqala' ħafna tilwim. Għall-Gran Mastru kienu jfissru anqas suldati tad-dejma, anqas dħul ta' taxxi u tnaqqis serju tas-setgħa tiegħu. Iżda, meta tqis li l-Gran Mastri kellhom setgħa kbira u arbitrarja fuq il-Maltin, setgħu jagħmlu liġijiet u taxxi kif jidhrilhom u setgħu jarrestaw u jitfgħu nies il-ħabs mingħajr qorti, tifhem għaliex ħafna Maltin kienu jippruvaw jeħilsu mis-setgħa awtoritarja tagħhom.

Il-ħajja ta' dari kienet differenti ħafna minn tal-lum. In-nies kienu jgħixu u kienu jaħsbu mod ieħor. Terġa il-bdil fil-ħajja u fl-ideat kien isir bil-mod, illum kollox aktar mgħaġġel.

1 Ġużepp Micallef, Hal Luqa Niesha u ġrajjieta, Malta 1975.
2 AAM 9005, Viżti Pastorali 23, D. CoccoPalmieri, 1685-87, f307v.
3 AAM 4543, Suppliche 4(2) 1741-1752, f704 r-v.
4 AAM 9005, Viżti Pastorali 23, D. CoccoPalmieri, 1685-87, f307v.
5 AAM 4030, Viżti Pastorali, M.G. Molina, 1678-1680, f280v.

**Paul Farrugia M.A.**

